**Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi – Sommarju tar-Rapport Annwali 2023**

Matul is-sena 2023, it-Taqsima:

- Ikkoordinat il-preparazzjoni, irrevediet u ssottomettiet lill-Kummissjoni Ewropea tlett rapporti tekniċi dwar l-implementazzjoni tad-derogi f'Malta, u r-riżultat finali ta' programmi ta' moniteraġġ u rapporti oħra obbligatorji. Kull rapport obbligatorju tlesta fi żmien stipulat.
- Ikkoordinat il-preparazzjoni, irrevediet u ssottomettiet lill- Konvenzjoni ta' Berna u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-iSpeċi Migratorji u Annimali Selvaġġi (CMS) it-tielet ċiklu tal-i*Scoreboard* dwar il-qtil, teħid u kummerċ illegali tal-għasafar selvaġġi.
- Preparat u ssottomettiet risposti lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni ta' deroga għall-kaċċa tal-gamiem fir-rebbiegħa tal-istess sena.
- Ipprovdiet kontribut tekniku u dak relatat mal-*policy* dwar l-implementazzjoni ta' numru ta' proċessi regolatorji Ewropej u internazzjonali li jikkonċernaw il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi li jinkludu:
    i. Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tuneż (Pjan Strateġiku ta' Ruma) kontra l-qtil, teħid u kummerċ illegali tal-għasafar selvaġġi li jaqa' taħt il-Konvenzjoni ta' Berna ;
    ii. Il-programm ta' ħidma tas-*CMS Mediterranean Task Force* kontra l-qtil illegali tal-għasafar selvaġġi;
    iii. Ħidma fuq temi internazzjonali ambjentali (*WPIEI Biodiversity*);
    iv. Grupp ta' Esperti dwar id-Direttiva dwar l-Għasafar u l-Ħabitats (NADEG);
    v. *Task Force* dwar l-irkupru ta' għasafar taħt is-sottogrupp ta' esperti tan-NADEG;
    vi. Network tal-Unjoni Ewropea dwar l-implementazzjoni u l-infurzar tal-liġi dwar l-ambjent (*IMPEL*);
    vii. Direttiva dwar il-Qafas Regolatorju tal-Istrateġija Marittima;
    viii. Il-Konvezjoni ta' Barċellona.
- Irrappreżentat lil Malta f'numru ta' laqgħat u *workshops*.
- Ikkordinat l-abbozz, il-formulazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' sitt strumenti legali: A.L. 78 /2023, A.L. 87/2023, A.L. 150 /2023, A.L. 209/2023, A.L. 247/2023, A.L. 248/2023.
- Abbozzat u ppubblikat tlett avviżi tal-gvern: N.G.27/2023, N.G. 1344/2023, N.G. 5/2024.
- Ipprovdiet assessjar kontinwu u pariri rigward *policies* governattivi, programmi, proġetti u pjanijiet li jistgħu jħallu impatt fuq il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.
- Beda x-xogħol relatat mal-abbozzar ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Kontra l-Qtil, l-Insib u l-Kummerċ Illegali ta' Għasafar Selvaġġi f'konformità mal-impenji taħt il-Konvenzjoni ta' Berna u l-Konvenzjoni dwar Speċi Migratorji (CMS). Dan il-pjan ta' azzjoni qiegħed isir b'parteċipazzjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u l-Korp tal-Pulizija ta' Malta.
- Ikkoordinat u ħarġet sejħa għall-offerti għall:

    - Studju xjentifiku indipendenti dwar il-passa tas-summien, il-gamiem, il-pluviera u l-malvizz u s-seba' speċi tal-għasafar tal-għana matul il-ħarifa tal-2023, 2024 u 2025 (tlett snin);
    - Studju xjentifiku indipendenti dwar il-passa tas-summien u l-gamiem fir-rebbiegħa tal-2023, 2024 u 2025 (tlett snin);
    - Servizzi ta' veterinarju u faċilitajiet ta' klinika speċjalizzati għat-trattament u r-riabilitazzjoni ta' għasafar selvaġġi;
    - Studju xjentifiku fuq għasafar li jinstabu b'mod regolari ġewwa Malta u dawk li jiddependu minn art agrikola biex jiġi iddeterminat il-*Farmland Bird Index* ta' Malta għall-2024;
    - Servizz ta tlibbis ta' ċrieket xjentifiċi (*scientific bird ringing)* fuq għasafar mis-seba' speċi ta' għasafar tal-għana matul il-ħarifa.
- Amministrat is-sistema ta' liċenzjar ġenerali għal ħames kategoriji ta' liċenzji.
- Ikkoordinat il-proċess ta' tiġdid tal-liċenzji ġenerali tal-kaċċa, l-insib u l-falkunerija u x-xogħol amministrattiv relatat miegħu.
- Ikkoordinat l-amministrazzjoni tal-liċenzji speċjali għall-kaċċa fir-rebbiegħa, għad-deroga tal-insib għall-malvizz u l-pluviera u għad-deroga li ippermettiet perjodu ta' riċerka fuq seba' speċi tal-għasafar tal-għana sabiex tiġi stabbilita l-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta, inkluż plottjar fuq il-*GIS* tal-imnasab reġistrati li ġew sottomessi mal-applikazzjonijiet, inkluż ukoll il-pubblikazzjoni tal-*coordinates* tagħhom fuq is-sit elettroniku tat-Taqsima, skont kif mitlub fil-Qafas Regolatorju L.S.549.74 u L.S.549.145.
- Osservat il-konformità ta' *bird ringers* liċenzjati, ikkoordinat it-tiġdid ta' liċenzji li skadew matul is-sena, u ħarġet liċenzji ġodda għal-*bird ringers* b'perjodu ta' sentejn validità.
- Amministrat il-ħruġ ta' numru ta' liċenzji ġodda tal-ibbalzmar tal-għasafar u osservat il-konformità ta' balzmaturi oħra li ngħatatilhom il-liċenzja tal-ibbalzmar fis-snin preċedenti b' validità ta' tlett snin.
- Wettqet tnax-il kors ta' preparazzjoni obbligatorja għall-kaċċaturi prospettivi u ħdax-il sessjoni ta' eżamijiet tal-kaċċa (f'Malta u Għawdex).
- Wettqet sessjonijiet ta' taħriġ kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex lill-uffiċjal tal-pulizija li huma involuti fl-infurzar tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.
- Kompliet twettaq il-proċedura li titratta l-kura ta' tajr ferut b'servizzi speċjalizzati minn klinika tal-veterinarju mqabbda mill-Gvern. Sal-aħħar tas-sena, taħt din il-proċedura, it-Taqsima ikkoordinat u issorveljat il-kura, trattament u riabilitazzjoni ta' 466 għasfur li jappartjenu għal 86 speċi differenti.
- Implimentat żewġ studji xjentifiċi fuq il-passa tal-gamiema u s-summiena fir-rebbiegħa u l-ħarifa, u studju ieħor separat li jikkonċerna l-passa tas-seba' speċi ta' għasafar tal-għana, tal-pluviera u l-malvizz fil-ħarifa.

- Ġew iffinalizżati il-proġetti li kkwalifikaw għall-għajnuna mill-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi fis-sejħa tal-2021 u ingħataw l-ammont finali. Ġie ippubblikat l-abbozz il-ġdid tas-sejħa għal-2023, inkluż l-linji gwida marbuta mal-applikazzjoni għall-għaqdiet volontarji biex ikunu jistgħu jwettqu inizjattivi relatati mal-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.
- Immonitorjat is-sistema elettronika ta' rappurtar tal-qbid tal-għasafar matul l-istaġuni miftuħa.
- Kompla x-xogħol fuq is-sistema elettronika *Stuffed Birds Registration System* (SBRS) u għaldaqstant il-proċess tal-inputtjar tad-data qed jipproċedi kif ippjanat.
- Ippreparat evalwazzjoni xjentifika fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-gamiema, is-summiena, il-pluviera u l-malvizz.
- Kompliet tipprovdi assistenza teknika lill-pulizija u entitajiet oħra fil-qasam tal-infurzar.
- Provdiet għajnuna lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta f'diversi spezzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' illegalitajiet li jikkonċernaw għasafar selvaġġi.